MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tat-13 ta' Jannar, 2006

Citazzjoni Numru. 183/2005

**A**

**-vs-**

**Kuraturi**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentata fit-13 ta’ Gunju, 2005 li permezz taghha l-attrici ppremettiet:

Illi l-attrici izzewget lil Konvenutfil-11 ta’ April 1973.

Illi l-kontendenti isseparaw legalment permezz ta' sentenza mghotija minn din l-Onorabbli Qorti (gia l-Prim Awla tal-Qorti Civili) fit-28 ta' Marzu 1979.

Illi fl-imsemmi sentenza l-Qorti iddikjarat lill-konvenut hati ta' l-abbandun totali ta' l-attrici u binha u li s-separazzjoni kienet gjustifikabbli bi htija attribwibbli esklussivament lill-konvenut.

Illi bi svista fil-kawza ta' separazzjoni ma kinitx intalbet ukoll it-terminazzjoni u likwidazzjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti.

Illi l-attrici tixtieq li din tigi terminate.

Ghalhekk jitlob lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex:

1. Tiddikjara xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti.

2. Tillikwida l-istess komunjoni ta' l-akkwisti billi tinqasam f'zewg partijiet mhux necessarjament ugwali li jigu assenjati lill-kontendenti.

Tapplika fil-konfront tal-konvenut l-effetti ta' l-artikolu 48 et seq u li ghall-fini tas-subartikolu 48(1)(C) tistabilixxi bhala d-data li minnha l-konvenut ghandu jkun ikkunsidrat li hati tal-firda l-22 ta' Novembru 1975 u cioe d-data li meta huwa abbanduna lill-attrici.

Bl-ispejjes kontra l-konvenut mill-lum ingunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attrici mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati pprezentata fil-25 ta' Lulju, 2005 li permezz taghha eccepixxew:

Illi huma m'humiex edotti mill-fatti li taw lok ghal din il-kawza u jirrizervaw illi jipprezentaw nota tal-eccezzjonijiet ulterjuri kemm il-darba huma jigu edotti mill-fatti.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-kuraturi deputati mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat l-atti processwali.

Rat l-affidavits ta' l-attrici u d-dokumenti esebiti minnha.

Rat il-verbal tas-seduta ta' l-14 ta' Ottubru, 2005 illi permezz tieghu l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Illi l-attrici qed titlob li din il-Qorti tassenja lilha l-proprjeta' indikata fin-nota taghha peress li meta fl-1979 hija ottjeniet sentenza ta' separazzjoni fil-konfront ta' zewgha minn dawn il-Qrati ma kinitx intalbet ix-xoljiment u l-likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti.

In effetti fis-sentenza msemmija, deciza fit-28 ta' Marzu, 1979 il-Qorti kienet iddecidiet li l-konvenut kien jaghti ghas-separazzjoni u anke kkundannatu jhallas l-alimenti u ddikjaratu li tilef il-beneficcji ta' l-Artikoli 56 u 58 tal-Kodici Civili ta' dak iz-zmien. Kontrarju pero' ghal dak li qalet li assumiet l-attrici fl-affidavit ma gietx dikjarata terminata l-komunjoni ta' l-akkwisti esistenti bejnha u zewgha u kien ghalhekk li giet konsiljata tiftah din il-kawza.

Il-Qorti tissimpatizza ma' l-attrici u jidher car illi l-akkwisti kollha ndikati fid-dokument E huma kollha frott il-hidma taghha wara li zewgha abbanduna lilha u lil binhom fl-1978 u

cioe' ftit wara li zzewgu. L-Artikolu 48 (1)(c) jghid illi l-parti li tkun il-htija tal-firda titlef *kull jedd ta' parti miz-zwieg ghan-nofs ta' l-akkwisti li jkunu saru l-aktar bil-hidma tal-parti l-ohra wara data stabbilita mill-Qorti bhala d-data meta l-parti ghandha tkun konsidrata li minnha tkun hatja tal-firda. Ghall-finijet ta' dan il-paragrafu biex jigi determinat jekk akkwist ikunx sar l-iktar bil-hidma ta' wahda mill-partijiet fiz-zwieg ghandhom jitqiesu l-kontributi b'kull mod taz-zewg partijiet skond l-Artikolu 3 ta' dan il-Kodici.* Huwa car illi l-konvenut ma kkontibwixxa xejn f'dan il-kaz.

Ghalkemm l-attrici ma talbitx nomina ta' Nutar biex jippubblika l-att necessarju u qed titlob l-assenjazzjoni *ope sententiae*, billi fost l-assi hemm proprjeta' immobiljari l-Qorti ser taghmel dan ghax thoss illi hu kompatibbli mat-talbiet ta' l-attrici u dan biex tevita li l-attrici jkollha bzonn terga' tirrikorri l-Qorti jekk tkun trid tiddisponi minn din il-proprjeta'.

**Ghaldaqstant il-Qorti tilqa' t-talbiet kollha attrici u ghalhekk;**

**1. tiddikjara xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti bejn l-attrici u zewgha;**

**2. tillikwida l-komunjoni msemmija billi tiddikjaraha konsistenti fil-proprjetajiet immobbli u mobbli ndikati fid-Dokument E a fol 30 tal-process u tassenja dawn il-proprjetajiet kollha lill-attrici u ghal kull *buon fini* tinnomina lin-Nutar Silvana Borg Caruana illi ghandu jippublika l-att relattiv fis-27 ta' Jannar, 2006 u lill-Avukat Dottor Nadya Vella bhala kuratur ghall-eventwali kontumaci;**

**3. tidikjara applikabbli l-provvedimenti ta' Artikou 48 fil-konfron tal-konvenut u ai fini ta' Artikolu 48 (1)(c) tiddikjara l-konvenut abbanduna lill-attrici fit-28 ta' Marzu, 1979.**

**L-ispejjes jithallsu mill-konvenut izda l-attrici ghandha provizorjament thallas id-drittjiet u spejjes tal-kuraturi.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------